# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum, 17 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru 490/15MH**

**Numru:**

**Carmelo Abdilla & Sons Ltd**

**Vs**

**Schembri & Sons Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat** mressaq ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie premess illi

1. *Illi l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin elf tlett mija u sebgha u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€242,377.62) rapprezentanti kwantu ghal €138,236.01 bilanc ta' prezz ta' ramel u zrar fornit lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha, u l-bilanc ta' €104,141.61 imghaxijiet kummercjali sat-30 ta' April 2015.*

2. *Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta wieghdet diversi drabi li ser thallas lill-esponenti l-bilanc bl-imghaxijiet, sal-lum baqghet ma hallsitx.*

3. *Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra din it-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u*

(ii) *tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta' ta' mitejn u tnejn u erbghin elf tlett mija u sebgha u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€242,377.62) rapprezentanti kwantu ghal €138,236.01 bilanc ta' prezz ta' ramel u zrar fornit lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha, u l-bilanc ta' €104,141.61 imghaxijiet kummercjali sat-30 ta' April 2015.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat lil Qorti kkonċedit lil kontro parti li tipresenta risposta ġuramentata tagħha wara li semgħet il-partijiet u kkunsidrat li a bażi ta' prima facie is-soċjeta' konvenuta kellha difiża xi tressaq.

**Din taqra hekk:**

1. *Preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2149 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2151 tal-istess Kap.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet it-talba attrici hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-istess Kap.*

4. *Illi minghajr preguddizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti stante illi s-socjeta' eccipjenti m'ghanda tatiha xejn.*

5. *Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn ippermettiet li ssir korezzjoni fl-artikoli li tressqu biex ssostni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat li din il-kawża tħalliet biex jiġu l-ewwel determinati l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa marbuta mal-preskrizzjoni.

Fir-rigward rat lis-soċjeta' konvenuta intimata ressqet tlett istanzi li bihom temmen liż-żmien statutorju biex is-soċjeta attriċi tressaq it-talbiet tagħha għadda; dawk maħsuba fl-artikoli 2149(a), 2151 u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward rat in-noti ta' sottomiossjonijiet lil partijiet presentaw fir-rigward.

Ikkunsidrat.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni mressqa hija a bażi ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16.</u>**

Din hi preskrizzjoni li ssib suċċess bit-trapass ininterrott ta' sentejn. Is-sub inċiż (a) mressaq għal kunsiderazzjoni tal-Qorti jitkellem dwar azzjonijiet *"....ta'*

[1] Folio 72.

*kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra ta' ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall materjal li jfornu.".*

Fir-rigward il-Qorti ssib lis-soċjeta' attriċi għandha raġun meta targumenta li dan l-artikolu mhux tajjeb għas-sitwazzjoni li wasslet għal din ix-xilja. L-attriċi hawn qegħda titlob mingħand is-soċjeta' konvenuta ħlas għal forniment ta'matejal, prezz ta' ramel u żrar fornit lilha. Għalhekk intqal fir-rigward, u dan huma miżmum konstanti fil-ġurusprudenza lokali li-*" Kif imfisser mill-ġurisprudenza l-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċii Ċivili ossija l-preskrizzjoni bijennali ma tikkontemplax il-każ ta' fornituri ta' materjal in ġenerali iżda l-fornituri li jsiru minn appaltaturi ta' xogħolijiet, li flimkien ma l-opra tagħhom kienu n konnessjoni ma l-istess opra fornew ukoll il-materjai meħtieġa. Għaldaqstant dik il-prekrizzjoni mhix applikabbli għal każ ta' sempliċi fornituri ta' materjal minn min ma jkunx ukoll appaltatur ta' opra li għaliha l-materjal servew. Ara* ***'George Zammit vs Teresa Licari et., Appell Kummerċjali, 16 ta' Ottubru, 1972, 'Joseph Grech-vs-Emanuele Camilleri et., Appell Kummerċjali, 21 ta' Marzu, 1977 u 'Lawrence Formosa et nomine -vs-Anthiny Borg, 27 ta' Jannar, 1997....."Vella Falzon Building Supplies Ltd-vs-Tourist Services Ltd." Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010.***[2]

**Konsegwentement d-difiża mressqa permezz ta' din il-prekrizzjoni qed tiġi miċħuda.**

Konsegwenżjali għal din iċ-ċaħda ssegwi li lanqas dak invokat bl-artikolu **<u>2151 (1) tal-Kap 16</u>** ma jista' jkun ta' għajnuna għal-konvenuta. Huwa ċar li dan l-aħħar imsemmi artikolu japplika biss għal l-aħħar erba' artikoli ta' qablu, għalhekk 2147, 2148, 2149, 2150. Kif ġie konkluss l-artikolu 2149(a) mhux applikabbli għal każ in deżamina, oltre hekk il-konvenuta ma nvokat ebda artikolu ieħor minn dawk appena imsemmija, konsegwentement anke din il-limja difenzjonali u kull vantaġġ hemm maħsub huma hawn inapplikabbli.

**<u>L-artikolu2156(f) tal-kap 16.</u>**

Kontrarjament għaż-żewġ eċċezzjonijiet preċedenti, dan l-artikolu huwa ġust għal kaz in deżamina.

Il-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija kif sew miżmum fil-ġurisprudenża lokali waħda marbuta ma interpretazzjoni *eiusdem generis*.

[2] L-ALFABETT Tal-Kodiċi Ċivili; Volum P-Q per Imħallef Emeritus Philip Sciberras paġna 318

Għalhekk il-kelma kreditu fl-istess artikolu *"L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor.."* jista' jkun biss ta' jeddijiet ta' l-istess natura bħal dawk imsemmija u riferuti fl-artikolu kollu 2156. Dawn huma kollha krediti ta' obbligazzjoni ta' *dare,* qatt *da fare*. Huma kollha obbligazzjoni ta' ħlas ta' flus. Għalhekk dan is-sub artikolu bi preskrizzjoni residwali jaqa' sew fit-talba tar-rikorrenti s-soċjeta' attriċi. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta hawn invokat l-artikolu ġust.

Pero, stabbilit dan jgħodd però li jiġi kkunsidrat minn meta beda jidekorri t-terminu ta' preskrizzjoni, jekk qatt ġiet rinunżjata jew interrotta.

M'hemm qbil bejn il-partijiet minn meta beda jidekorri t-terminu preskrittiv applikabbbli.

Il-konvenuta ssosstni lli l-aħħar xirja ta' materjal li saret mingħand is-soċjeta' attriċi kienet tmur lura sas-sena 1999. Tagħmel referenza għal dokument esebit mill-attriċi stess Dok 1 u Dok X10 u 102. Fin-nota tagħha is-soċjeta konvenuta tagħmel ukoll referenza għal dak li ddeponnew kemm Schembri u Rodianne Brincat li l-aħħar akkwist li sar mill-konvenuta kien fis-sena 1999[3] u l-aħħar pagament ġie effettwat fis-sena 2002. Taċċċetta li rċevit mingħand l-attriċi żewġ ittri uffiċjali li jmorru 'l hinn miż-żmien statutorju ta' ħames snin.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tirreferi għal ħlas li sar fis-sena 2006, 31 ta' Marzu,[4] jidher permezz ta' tpaċċija.

Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk qattx kien hemm rikonnoximent tal-kreditu dovut da parti tal-konvenuta kif tissuġerixxi l-attriċi bit-tpaċċija, ukoll jekk kien hemm interuzzjoni tat-terminu preskrittiv.

Kuntrarjament, għal posiżżjoni li ħadet il-konvenuta, is-soċjeta attriċi kienet aktar għaqlija u żammet u ppresentat id-dokumenti kummerċjali relatati man-negozju li sar mall-konvenuta. Il-Qorti bħal ma tagħmel l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ukoll kif sew pronunżjat ruħha din il-Qorti kif diversament preseduta,[5] tagħmel referenza għal provediment ta' l-artikoli 629(d) tal-Kap 12 u l-artikolu 22 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ fir-rigward.

---

[3] Folio 520

[4] Folio 20

[5] Ara sentenza esebia bħala Dok XZ3 folio 487 fl-ismijiet

A priori għandu jingħad li kemm Schembri id-direttur tas-soċjeta' konvenuta ukoll Rodianne Brincat impjegata ma l-istess irribadixxew lis-soċjeta' konvenuta kienet issaldat id-dovut ma l-attriċi b'cheque tal-HSBC għal ammont ta' Lm500 fis-sena 2002. Is-soċjeta' konvenuta tul is-smiegh tal-provi ta' dawn it-tlett eċċezzjonijiet kienet insistenti li ma kellha ebda prova dokumentarja fir-rigward għajr għal cheque image akkwistat mill-bank involut.

Fir-rigward tas-*set off* li l-attriċi ssostni kissret t-treminu preskrittiv, dik ta' Marzu, 2006, Rodianne Brincat oġġezzjonat għal dak hemm miktub murija d-debita dokument, bla ma kellha ebda informazzjoni primarja, għax meta kkonfrontata bit-tpaċija li saret fil-31 ta' Marzu, 2006, kif tidher mid-dokument B folio 20, fejn din is-*set off* marret a favur ċertu Silvio Marsa, per parentesi mhux l-ewwel waħda fir-rigward kif jidher mill-istess dokument, tgħid biss l-ewwel li ma tafx min hu Silvio mill-Marsa[6], imbagħad titkellem fuq ċertu Brian Lia riferut f'set off oħra, li skontha ma kellux bżonn ebda set off għax kien ħallas direttament ta' dak li xtara mingħand il-konvenuta. Tkompli tixhed, kif qalet dejjem li anke fir-rigward ta' dawn iż-żewġ entrati da parti tas-soċjeta' konvenuta ma sabet ebda dokumenti jirrigwardaw l-istess.

Kuntrarjament għal dak li ssostni is-soċjeta' attriċi, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, anke fil-kawża tal-jattanza[7] dejjem sostna lis-soċjeta' konvenuta ma kellha tagħti xejn lis-soċjeta' attriċi. Dan isostnih fl-affidavit tiegħu[8], fejn jinsisti kif żamm dejjem, li l-aħħar pagament li kellu jsir lil-attriċi sar fis-sena 2002. In kontro eżami jinnega ukoll li kien hemm xi tpaċċija jew sar xi barter wara s-sena 2002. Jinnega li wara qatt sar ħlas b'xi materjal. In kontro-eżami Schembri iwieġeb li kien jaħseb li dak kien l-aħħar cheque li qatel kull obbligazzjoni lejn l-attriċi. Igħid ukoll li ma kellu ebda rċevuti tal-ħlas. Hawn il-Qorti ma taqbilx ma' l-attriċi li l-inċerteżża li Schembri wera fil-konfront tac-cheque minħabba t-trapass taż-żmien jxejjen mid-dikjarazzjoi li għamel ai terminu ta' l-artikolu 2160 tal-Kap 16. Għalkemm għal Qorti dan in-nuqqas ta' żamma ta' dokumenti da parti tas-soċjeta konvenuta jiżgara kemmxejn, però tista' tgħid li fil-maggor parti tax-xhieda tiegħu Schembri baqa jdoqq l-istess diska lis-soċjeta' konvenuta ma kienet taf xejn lil attriċi.

Ta' interess fir-rigward ta' dak li hu l-ġurament deċiżorju llum, kif ġie emendat, insibu lil Qorti ta' l-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ian Pace vs Alexander Valencia et.**[9] kellħa dan i tgħid:-

> *"Madankollu marbuta ma' dan l-artikolu 2156 l-Qorti jeħtiġielha tevalwa dak li jipprovdi l-artikolu 2160 tal-Kap 16 li jipprovdi hekk –*

[6] Folio 434 tergo xhieda 17 ta' Jannar, 2020
[7] Proċess allegat 1100/2014 LM
[8] Folio 85
[9] Deċiża 10 ta' Ottubru, 2023; rikors 968/19/1 MH

*"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156*[10] *u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

(2) *Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha lattur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

(3) *Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza filproviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

*Għal dak li jirrigwarda t-teħid ta' ġurament mid-debitur ai termini ta' dan l-artikolu appena msemmi, ingħad hekk fil-każ* Francesco Portelli pro et noe *vs Anthony Degiorgio et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 –*

> *".....jingħad li bl-emendi li ġew introdotti bl-Att* numru 1 tal-2017 *li daħal fis-seħħ fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-*sena elfejn u sbatax *(2017) fil-kaz odjern din il-Qorti għandha tikkunsidra mhux biss* id-dekors *tal-ħames snin kif eċċepiet mill-konvenuti pero' f'eċċezzjoni bħal din għandhom ukoll jiġu sodisfatti l-elementi* kontenuti *fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti* talAppell (Inferjuri) *fl-ismijiet* Bottega Del Marmista Ltd -vsPaul *Mifsud et deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018 fejn ingħad:*
>
> *'... Imbagħad fis-*seduta *tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'għandhomx jagħtu lis-soċjeta' attriċi (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx każ fejn il-konvenuti ngħataw il-ġurament deċiżorju iżda fejn huma xehdu minn jeddhom. Għalhekk ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji tal-ġurament deċiżorju.* Il-Qorti *żżid li bl-Att 1 tal-2017, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017,* saret emenda kardinali *fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Qabel* dakinhar *id-disposizzjoni kienet tikkontempla lpossibilta' lill-attur li jagħti l-ġurament deċiżorju lill-konvenut:*

[10] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jinghata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari ċjoe' meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka lpreskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '... Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjieni bħala ammissibli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur.'*

*Illi għalhekk il-posizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tiegħu fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni saret waħda attiva u dan fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża għandu jikkonferma li m'huwiex debitur.*

*Fis-sentenza P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Frar, 2018 ġie eżaminat fil-fond leffetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk ingħad:*

*'...Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni*

*li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward talartikli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux luniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan lartiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili.*

20. *Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu millbenefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jagħti l-ġurament waqt il-Kawża li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jgħid li ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa, għaliex dan ix-xorta ta' ġurament huwa riservat għalleredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi il-kliem użat huwa "ma jiftakrux" (ara Deċiżjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Ottubru 1955).*

21. *Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Ilkompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …'."*

*Ta' interess f'dan ir-rigward id-deċiżjoni li ngħatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Ballut Blocks Services Limited vs Bonnici Bros. Construction (C-21406) et.*[11] *fejn ġie trattat il-bdil fundamentali tal-ġurament deċiżorju, kif ġie emendat u kif spiċċat illum id-difiża tal-preskrizzjonijiet indikati.*

*Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali jiġi sottolineat li sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni in eżami kien jispetta lill-konvenut Alexander Valenzia li:*

i) *jixhed minn jeddu u*

ii) *jagħti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur.*

*Mill-provi mressqa l-Qorti tqis li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti.*

*Fl-affidavit tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 il-konvenut Alexander Valenzia minn jeddu u bil-ġurament xehed li huwa mhuwhiex debitur ta' kwalunkwe ammont reklamat fil-kawża. Huwa spjega li sa qabel ma nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni minn mal-konvenuta Ingrid*

*Valenzia (fl-1 t'April 2009) huwa kien infurmat li d-dejn li kellhom malġenituri ta' Ingrid Valenzia kien inħafer, l-istess bħalma kien ġara malaħwa l-oħra, u fil-fatt qatt ma ġie mitlub iħallas lura tali flejjes la verbalment u lanqas bil-miktub.*

*Pero' u kif ingħad fis-suespost, dan kollu ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-attur li jressaq prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għallpreskrizzjoni."*

Ikkunsidrat ulterjorment.

Jingħad ukoll kif sew ġibdet l-attenzjoni s-soċjeta attriċi, li fil-kontestazzjoni tagħha għal proċeduri ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12, is-soċjeta' konvenuta marret oltre l-preskrizzjoni u ddikjarat illi hi ma kienetx qed taqbel ma l-ammont dovut minħabba l-imgħax pretiż. Din hi dikjarazzjoni li saret f'verbal ta' Qorti u ġġorr magħha impatt minħabba f'hekk.[11] Għalhekk, għalkemm din id-difiża ma ġietx formalizzata fir-risposta ġuramentata, però ma ġiet qatt irtirata u għalkemm il-Qorti mhux se tikkunsidraha mill-lat ta' rinunzja għal preskrizzjoni la ma tressqitx bħala eċċezzjoni però toħodha n kunsiderazzjoni għal veraċità' tal-fatti kif jixidhom Gaetano Abdilla meta jistqarr li f'waħda mill-laqgħat li kellu ma Schembri, li dan ta' l-aħħar ma jiftakkarx, ġie kkuntestat l-ammont dovut minħabba l-interessi. [12] Igħid li Rodianne Brincat anke talbitu żmien biex jagħmlu u jivverifikaw reconciliation tad-dovut. Dana kollu jaqbel ukoll ma l-estratti li presenta Abdilla mid-djarju tiegħu tal laqgħat li kellu biex jiddiskuti d-dovut.[13] Oltre hekk is-soċjeta' attriċi resqet bħala xhud lil ħu Gaetano Abdilla, Charles li akkumpanja lil ħuħ għal wħud minn dawn il-laqgħat. Dana jixhed[14] li bħala direttur tas-soċjeta' attriċi kien mar ma ħuħ jiltaqa' ma Schembri, igħid li kienu tkellmu fuq id-dovut u li Schembri irrabjat kien insista li ma kellux jaghtihom anke minħabba kwistjoni ta' interessi imposti. Iżid dan ix-xhud li Schembri kien anke tkellem fuq barters biex jinħeles il-bilanċ. Iżid jixhed fuq laqgħat oħrajn fejn fil-presenza ta' Rodianne kienu anke qalulhom lil konvenuta ma kellha ebda dovut lejn l-attriċi u s-soċjeta' oħra Ramel u Żrar Limited.

Oltre dan però l-attriċi resqet provi ta' kif ġie interrott iż-żmien prekrittiv, stabbilit li hu ta' ħames snin.

---

[11] Wieħed ma jridx jinsa li hu miżmum li verbal f'atti ta' kawża jew proċeduri oħra quddiem il-Qorti jorbtu lil partijiet li jirreġistrawhom u għandhom valur ta' quasi kuntratt bejn il-partijiet.

[12] Folio 427.

[13] Folio 474

[14] Folio 504

Jekk il-Qorti temmen li sar pagament skont kif ritenut u sostnut minn Schembri b'cheque fis-sena 2002, imbagħad tieħu l-aħħar d-data li skont is-soċjeta' attriċi fiha sar l-aħħar *set off*, Marzu 2006 skont id-dokumenti esebiti minnha, tara li dawn ġew segwiti b'żewġ ittri uffiċjali rispettivament datati 16 ta' Diċembru, 2009[15] u 6 ta' Novembru, 2014[16], imbagħad li ġiet intavolata l-kawża odjerna fit-22 ta' Mejju, 2015, allura tqies li ġie megħlub it-terminu preskrittiv stabbilit fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-prekrizzjoni mressqa bi spejjeż għas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina,**

**Dep.Reg**

[15] Folio 26
[16] Folio 27